**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru: 1181/2021DC**

***Agnes Galea***

***vs***

***Raymond Borg***
***Victor Borg***
***Jeffrey (Geoffrey) Borg***
***Miriam Sultana***
***Rose Borg***
***Suor Anne Borg***
***Carmela sive Carmela sive Carmelina Borg***
***Mariella Ventaloro***
***Kathleen Borg***
***Josephine Farrugia***
***George sive Giorgio Borg***
***Rosanne Mustafa***
***Antonella Borg***
***Annie Borg***
***Fiona Borg***
***Roxette Borg***
***Svetlana (Zvetlana ) Borg***
***Samantha Bellizzi***
***Carmelo Gatt***
***Maria Dolores sive Doreen Barbara***
***Mary Borg***
***Nazzareno Borg***
***Anthony sive Anton Borg***
***Frankie Borg***
***Neil Mayo***
***Jesmond Borg***
***Alexia Bellizzi***
***Brian Bellizzi***
***Rita Demir***
***Antoinette Borg***

**Illum, 18 ta' Settembru, 2023**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Agnes Galea ppreżentat fl-1 ta' Diċembru 2021, permezz ta' liema ppremettiet is-segwenti:-

> *Illi missier l-esponenti Carmelo Borg miet fl-4 ta' Lulju 1985 filwaqt li ommha Catherine Borg mietet fit-13 ta' Jannar 1992.*
>
> *Illi bis-saħħa ta' testment uniċa karta tal-mejta Carmelo u Catherine Borg fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Saliba tal-14 ta' Diċembru 1977, l-imsemmi Carmelo Borg ħalla kwart indiviż ta' ġidu lil martu l-imsemmija Catherine Borg u istitwixxa bħala eredi universali f'ismha indaqs bejniethom lill-erbatax-il uliedu Agnes (l-attriċi), Suor Anna, Ċarmela, Josephine, Raymond, Victor, Maria Dolores, Jesmond (l-konvenuti odjerni) u George, Emanuel, Joseph, Mario, Anthony, Geranzio (li ġew nieqsin u li intirtu mill-bqija tal-konvenuti odjerni) .*
>
> *Illi skond l-imsemmi testment uniċa ċharta Catherine Borg ingħatat il-facolta di variare.*
>
> *Illi bis-saħħa ta' testment fl-atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba tat-3 ta' Frar 1986, l-imsemmija Catherine Borg, fost oħrajn, hija ħalliet b'titolu ta' prelegat lil bintha l-esponenti l-piena proprjeta tal-Flat numri wieħed (1) u tnejn (2), 37 A, illum 376, Triq il-Vitorja Ħal- Qormi u l-fond 37, illum 378 Triq il-Vitorja, Ħal Qormi. It-testatriċi ddikjarat illi kienet taf li hija ma kellhiex l-intier ta' dawn il-proprjetajiet u li xtaqet li tħalli dan il-prelegat lill-esponenti b'kumpens għal serviġi li l-istess kienet għamlet magħha. Catherine Borg fil-fatt kellha sehem ta' ħames partijiet minn ħamsa tal-proprjetajiet imsemmijin.*
>
> *Illi l-intimati naqsu milli jimmettu lill-esponenti fil-pussess tal-prelegati imħollija lilha skond it-testment ta' Catherine Borg tat-3 ta' Frar 1986.*

U wara li hekk ippremettiet, talbet lil din il-Qorti:-

1) *Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, jimmettu lill-esponenti fil-pussess tal-prelegati "di ċosa altrui"mħollija lilha minn Catherine Borg bit-testment tagħha tat-3 ta' Frar 1986.*

2) *Tinnomina nutar pubbliku biex f'jum, hin u lok stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, jippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-prelegati "di ċosa altrui" imhollija minn Catherine Borg bit-testment tagħha tat-3 ta' Frar 1986 fl-atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba.*

3) *Tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaċja u/jew l-assenti fuq l-att pubbliku relattiv.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati, li jibgħu inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti, preżentata fit-23 ta' Diċembru 2021[1] permezz ta' liema eċċepew:

***i. Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-prelegat imħollija lir-rikorrenti Agnes Galea, partikolarment dawk mħollija bit-testment tat-3 ta' Frar 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor Jeanette Laferla Saliba huma preskritti ai termini tal-Artikolu 845 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante li Catherine Borg mietet fit-13 ta' Jannar 1992 u għaddew kważi tletin sena mill-mewt tagħha, u għalhekk hawn issir referenza għas-sentenza deċiza mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Jannar 1954 fil-kawża fl-ismijiet Stella Briffa et vs Catrina Scicluna et, u dan stante li l-intimata qatt ma kienet fil-pussess effettiv ta' dawn il-proprjetajiet, u ħutha qatt ma aċċettaw li dak li ġie mħolli lilhom minn missierhom jiġi mogħti lilha.***

*ii. Illi l-attriċi ġiet mħollija minn ommha 5/8 tal-proprjetajiet ossia Flat nru. 2, bin-numru 37A (llum 376), Victory Street, Qormi; il-flat nru. 1, 37 (llum 378), Victory Street, Qormi, u l-fond 37 (llum 378), Victory Street, Qormi, pero qatt ma setgħet timponi u/jew tobbliga lill-istess intimati li*

[1] A fol 24.

*jitrasferixxu sehemhom mill-wirt ta' missierhom fuq il-fondi fuq msemmija lill-istess rikorrenti.*

iii. *Illi l-pussess ta' dawn il-fondi ossia Flat 2, 37A (llum 376), Victory Street, Qormi, huwa fil-pussess ta' Victor Borg, wieħed mill-intimati, li għandu wkoll l-użufrutt tal-fond 378, gja 37, Victory Street, Qormi, waqt li l-pussess tal-Flat 1, 37A (llum 376), Victory Street, Qormi, huwa f'idejn Alison Galea, waqt li 37 (llum 378), Victory Street, Qormi, huwa okkupat mill-attriċi.*

iv. *Illi l-preskrizzjoni deċennali li tolqot l-azzjoni magħrufa bhala petitio hereditatis biex jintalab wirt, jew legat, jew sehem tal-beni li l-liġi tagħti lit-tfal jew lill-konjugi, tant fis-suċċessjoni testata kemm f'dik intestata, hija preskrizzjoni akkwizittiva; u dan mhux biss fir-rapporti bejn il-ko-eredi, imma anki fil-konfront tal-legatarji u ta' dawk l-ohra li għandhom dawk id-drittijiet. Għaldaqstant, barra mill-element passiv taz-zmien hemm bzonn li jiġi pruvat anki l-element attiv tal-pussess. Dan il-pussess irid ikun mhux sempliċiment każwali, izda jrid ikun pussess formali, jiġifieri kapaċi li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta'. Konsegwentement dak il-pussess għandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess 'di diritto'. Il-pussess irid ikun, għalhekk, kontinwu, mhux interrott, paċifiku, publiku, u mhux ekwivoku, għaż-żmien kollu li tgħid il-liġi, kif ukoll 'animo domini'. Dan il-pussess għandu jiġi pruvat b'mod infranġibbli, tant għar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess; u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni.*

v. *Illi għalhekk l-intimati dejjem zammew il-proprjeta' bhala tagħhom animo domini u qatt ma aċċettaw illi sehem missierhom għandu jiġi b'xi mod trasferit lill-istess Agnes Galea, tant li wieħed mill-ko-eredi kien jippossedi dan l-istess appartament Flat 2, 37A, Victory Street, Qormi, kif wkoll tal-fond 37, llum 376 u 378, Victory Street, Qormi, bħala komproprjeta' tiegħu ma' ħutu u n-neputijiet l-intimati l-ohra, u għalhekk ir-rikorrenti ma tista' qatt tippretendi li hija proprjetarja ta' ħwejjeg ħutha li jippossedu bejniethom 3/8 mill-wirt tal-mejjet missierhom u nannuwhom.*

vi. *Illi l-intimati aċċettaw l-eredita' tal-mejjet missierhom Carmelo Borg li miet fl-4 ta' Lulju 1985, saħansitra għamlu*

*d-denunzja relattiva, u dawn il-fondi gew debitament denunzjati, u huma bħala ko-eredi tiegħu bit-testment tiegħu tal-14 ta' Diċembru 1977 fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Saliba.*

vii. *Illi fil-fatt huma diga' biegħu diversi proprjetajiet mill-eredita' ta' missierhom u għalhekk m'għandhomx jigu qatt mġiegħla illi jpoggu fil-pussess tal-legat di ċosa altrui lil oħthom Agnes Galea li talbet għal dan wara tletin sena mill-mewt tal-istess ommha.*

viii. *Illi inoltre, t-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi sostnuta fil-fatt u fid-dritt stante illi d-defunta Catherine Borg ħalliet dan il-prelegat tad-dar 37 (llum 378), Victory Street, Qormi, soġġett għall-użufrutt ta' uliedha ġuvintur u xebbiet li jibqgħu f'dak l-istat legali u għalhekk binha Victor Borg għadu guvni sa llum u għandu dritt jibqa' jgħix fil-fond tul hajtu kollha.*

ix. *Illi huma dejjem żammew il-proprjeta' in buona fede u fil-pussess tagħhom.*

x. *Illi l-arja ta' fuq id-dar 37 (llum 376), Victory Street, Qormi, kif wkoll fuq l-appartamenti Flat 1 u Flat 2, 37A (llum 376), Victory Street, Qormi, qatt ma ġiet imħollija b'legat lill-istess attriċi u qatt ma kellha dominju fuq l-istess.*

xi. *Salv eċċezzjonijiet oħra u bl-ispejjeż.*

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma fit-8 ta' Frar 2022[2] minn din il-Qorti kif diversament presjeduta meta ġie deċiż li għandha tingħata sentenza parzjali fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti.

Rat id-digriet mogħti fit-13 ta' Jannar 2023[3] li permezz tiegħu l-Unur Tiegħu il-Prim Imħallef assenja din il-kawża lil din il-Qorti kif preseduta.

Semgħet il-provi tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet taż-żewġ partijiet.

[2] A fol 33.
[3] A fol 108.

Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma fil-11 ta' Mejju 2023[4] meta l-partijiet irrimettew ruħhom għal-atti u l-kawża ġiet differita għall-llum għas-sentenza.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

**IL-PROVI**

Illi mill-atti jirriżulta li l-ġenituri (u nanniet) tal-kontendenti illum huma mejta. Missierhom Carmelo miet fl-4 ta' Lulju 1985 waqt li ommhom Catherine mietet fit-13 ta' Jannar 1992[5]; huma kienu għamlu testment unica carta datat 14 ta' Diċembru 1977[6].

Illi jirriżulta li Catherine Borg għamlet testment ieħor wara l-mewt ta' żewġha, testment datat 3 ta' Frar 1986[7]. Permezz tiegħu, fil-waqt li ħassret żewġ testmenti preċedenti datati 17 ta' Lulju 1985 u 28 t'Awwissu 1985, żiedet mat-testment unica carta li għamlet ma' żewġha fl-14 ta' Diċembru 1977 billi ħalliet b'titolu ta' prelegat, fi pjena u assoluta proprjeta' lill-attriċi Agnes Galea tliet proprjetajiet:

1) **Flat no 2, No 37A (illum 376) Victory Street Qormi -** (suġġett għal użufrutt[8] favur l-ulied li jibqgħu xebbiet/ġuvintur/mhux professati f'xi ordni, sakemm jibqgħu hekk); fil-preżent dan il-fond jinsab okkupat minn Victor Borg.

2) **Flat no 1, No 37A, (lum 376[9]) Victory Street Qormi -** Victor Borg jgħid li għandu l-użufrutt tiegħu ukoll[10]; fil-preżent dan l-appartament jinsab okkupat minn Alison Galea, bint l-attriċi.

3) **Il-fond no 37 (lum 378) Victory Street Qormi -** Victor Borg jgħid li għandu l-użufrutt tiegħu; fil-preżent dan il-fond hu okkupat mill-attriċi.

---

[4] A fol 147.
[5] Kopji taċ-ċertifikati tal-mewt huma esebita a fol 20 u 21 rispettivament. Jiġi rilevat li ċ-ċertifikati mhumiex dawk uffiċjali maħruġa mir-Reġistru Pubbliku u lanqas m'huma kopji mhumiex awtentikati.
[6] Fol 6.
[7] Fol 10.
[8] Dan hu l-uniku użufrutt li hemm prova tiegħu fl-atti tal-kawża (ref fol 16). Użufrutt ta' postijiet oħra msemmija mix-xhieda m'hemmx prova dokumentarja tagħhom fl-atti. Għalkemm ħafna mix-xhieda jgħidu li Victor Borg għandu l-użufrutt tal-fond numru 37 (l-attriċi tiċħdu dan), u Victor Borg jgħid li għandu wkoll l-użufrutt tal-appartament Numru 1, mill-atti jirriżulta biss li Victor Borg għandu l-użufrutt tal-appartament Numru 2 (ref fol 10).
[9] F'xi istannza indikat bħala 378: ara fol 24. Ix-xhieda jirreferu għan-numru tal-bieb ta' dawn il-fondi b'numri diversi, u dan peress li nbidel tul is-snin. Pero' jirriżulta ċar li hemm qbil unanimu bejn il-partijiet dwar liema huma Flat 1, Flat 2 u d-dar suġġett ta' din il-kawża. Probabbilment Flat 1 u Flat 2 jinsabu f'numru 376 waqt li d-dar tinsab f'numru 378.
[10] Ara punt 7.

Illi fit-testment imsemmi tat-3 ta' Frar 1986 Catherine Borg iddikjarat li hi taf li għalkemm ħalliet dan il-legat lil bintha Agnes Galea (l-attriċi), dawn il-propjetajiet mhumiex kollha tagħha imma huma parti mill-komunjoni tal-akkwisti gia eżistenti mal-mejjet żewġha. Iddikjarat li hi għandha minnhom nofs indiviż mill-komunjoni kif ukoll kwart indiviż min-nofs l-ieħor ta' żewġha u m'għandhiex l-intier tagħhom, imma xorta waħda riedet tħallihom lill-attriċi bi prelegat u dan minħabba serviġi li hi għamlet magħha.[11] Lill-attriċi ħallitilha wkoll bi pjena u assoluta proprjeta' (bl-istess dikjarazzjoni) l-għamara, fajjenza u bjankerija a limini intus fid-dar numru 37 Victory Street Qormi.[12]

Illi għandu jiġi rilevat li ma ġewx esebiti riċerki testmentari tal-konjuġi Carmelo u Catherine Borg; lanqas ma ġew esebiti id-denunzji u/jew dikjarazzjonijiet causa mortis ta' l-ereditajiet rispettivi. Minkejja dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar liema testmenti għandhom jirregolaw l-ereditajiet rispettivi.

Illi fil-mewt tat-testatriċi Catherine Borg, l-attriċi kienet toqgħod fi Flat 2, waqt li Flat 1 kien vojt u fid-dar kien joqgħod il-konvenut Victor Borg wieħed mill-konvenuti; fid-dar f'xi żmien kien hemm jghix ukoll il-konvenut Jesmond Borg[13]. Jidher li l-attriċi hallset "*id-denunzja ta' missierha u ommha*" kollha hi, għalkemm ma nġabet ebda prova dokumentarja ta' dan. Mal-ftuħ tat-testment tal-omm, inqala' diżgwid bejn l-aħwa imma mbagħad kollox qagħad.[14] Xi xhur wara l-mewt ta' ommhom l-attriċi u Victor Borg ftehmu li jparrtu r-residenza. Victor Borg mar fi Flat 2 waqt li l-attriċi bil-familja niżlet toqgħod fid-dar. Jidher li ħadd mill-konvenuti l-oħra m'oġġezzjonaw għal dan. L-attriċi lanqas ma talbet xi kunsens ta' ħutha jew talbithom jimmittuha fil-pussess[15], la fl-ewwel għaxar snin wara l-mewt tal-omm u lanqas wara, ħlief permezz ta' din il-kawża. Ħadd m'għamel xejn u qisu kulħadd kien aċċetta dan l-istat.[16] Il-konvenuti fl-ebda mument wara l-mewt t'ommhom m'attakkaw il-validita' tat-testment, għalkemm tnejn minnhom, huma u jixhdu, esprimew dubju dwar kemm it-testment t'ommhom jirrifletti dak li verament riedet ommhom.[17] Iktar tard, fis-sena 2000, l-attriċi

[11] Agnes Galea xehdet li hi ħadet ħsieb ommha sakemm mietet. Dan kien konfermat minn Alison Galea wkoll. Ara fol 50 u fol 78 rispettivament. A fol 84 Victor Borg ikkonferma li l-attriċi kienet tkun kuljum għand ommhom tgħin u kellha xi għajnuna minn ħutha oħra.

[12] L-attriċi tiddikjara li ommha ħallitilha anke sehem missierha mill-proprjetajiet imħollija b'legat (ara fol 79).

[13] Li ghamel xi żmien inkarċerat u wara mar jgħix x'imkien ieħor.

[14] Ara xhieda Agnes Galea a fol 50.

[15] Ara l-affidavit ta' Raymond Borg a fol 36, l-affidavit ta' Sr Anne Borg a fol 37, kif ukoll l-affidavit ta' Victor Borg a fol 38 u xhieda ta' Doreen Borg a fol 90.

[16] Ara xhieda ta' Agnes Galea a fol 50. Jirriżulta pero' li xi wħud mill-aħwa ma jitkellmux sal-ġurnata tallum. Maria Dolores Barbara xehdet li hi ma tkellimx lil oħtha għax l-attriċi ma mxietx sew, ħadet kollox hi meta fil-fatt, skont ix-xhud, l-attriċi għandha ħames ishma minn tmienja. Barbara tgħid ukoll li mhux sew li l-attriċi bagħtet lil ħuha jgħix f'appartament meta ommhom ħallietlu d-dar biex jgħix fiha - a fol 65.

[17] Ara xhieda ta' Sr Anne Borg a fol 107 u ta' Doreen Borg a fol 90.

niffdet Flat 1 mad-dar numru 37 u fil-Flat 1 marret toqgħod bintha Alison Galea meta żżewġet. Ma saret l-ebda kitba għand nutar biex sar dan it-tniffid.[18] Madwar is-sena 2004 inbiegħu proprjetajiet oħra tal-ġenituri tal-partijiet u kollha ħadu sehem indaqs. Sa dan l-istadju l-attriċi qatt ma ntalbet tagħti xi sehem mill-legati li rċeviet.[19]

Illi f'mument minnhom il-ġirien kienu se jibnu ħdejn id-dar li tħalliet b'legat (No 37) u jidher li l-attriċi sejħet lil ħutha biex imorru jkellmu lill-ġirien biex jassiguraw li kollox isir sew.[20] Jidher li l-unika waħda mill-konvenuti li kellmet lill-attriċi tul dawn is-snin fuq dan is-suġġett (is-sehem pretiż mill-konvenuti mill-legat lilha imħolli) hija Sr Anne Borg. Hija xehdet li kellmitha tliet darbiet u fit-tliet darbiet l-attriċi qaltilha li għad trid tagħti lil ħutha sehem missierhom u li Alison, bintha, kellha bżonn ftit iktar żmien biex tħallas lill-konvenuti ta' dan is-sehem. Sr Anne talbitha biex tagħmel dak li hu ġust u tħallashom.

Illi kien biss ftit qabel din il-kawża li l-konvenuti jidher li kellmu[21] u bagħtu ittra legali lill-attriċi fejn talbuha tħallashom ta' sehemhom.[22] U kien f'dan il-mument li l-attriċi ddeċidiet li taġixxi u titlob lil ħutha jimmittuha fil-pussess tal-legat. Min-naħa tagħhom il-konvenuti ma ressqu l-ebda kontrotalba biex jitolbu sehemhom jew biex il-Qorti tagħmel dikjarazzjoni favur tagħhom.

Ikkunsidrat

## **L-EĊĊEZZJONI**

[18] Ara xhieda ta' Agnes Galea a fol 50. Ħadd mill-konvenuti ma oġġezzjona għal dan it-tniffid, skont ix-xhud Alison Galea, fol 81.

[19] Ara fol 79, ikkonfermat ukoll minn Alison Galea a fol 81. Ħadd m'għamel xejn minkejja li l-konvenuti kienu jafu min qed jokkupa liema post (ara xhieda ta' Raymond Borg a fol 98). Victor Borg a fol 84 xehed li meta nbiegħu dawn il-proprjetajiet l-oħra, il-konvenuti l-oħra qalulu li kien għad fadal l-arja ta' Flat 3 u 4 (li mhumiex mertu ta' din il-kawża) u sehem ta' tlieta minn tmienja minn Flat 1 u 2 u d-dar, u kif jiftehmu fuq dawn, ikunu lestew kollox.

[20] Raymond Borg a fol 98 xehed li jekk l-attriċi sejħitilhom, sinjal li tirrikonoxxi li għandhom xi sehem. Meta xehdet l-attriċi a fol 121, qalet li dakinhar għajtet lil ħutha biex imorru jaraw għax hi taf li l-konvenuti kellhom parti żgħira mill-proprjeta'. Imma kkonfermat li hi għandha sehem missierha wkoll (a fol 127 u terġa' a fol 132) u xehdet li wara li miet missierha, ommha biddlet it-testment u ħallitilha anke s-sehem li missierha ħalla lil ommha u hekk ippreferietha fuq ħutha.

[21] Uħud mill-konvenuti kif ukoll Alison Galea xehdu li l-ewwel kienu kellmu lil Alison Galea biex jirranġaw, peress li l-ġenituri tagħha kienu morda. Huma talbuha tħallashom ta' tliet partijiet minn tmienja li huma jqisuha li hi l-leġittima. Uħud mill-konvenuti, nkluż Victor Borg a fol 84, xehdu li Alison Galea qaltilhom biex jagħtuha ftit ċans għax kienet għadha kemm xtrat garaxx.

[22] Din l-ittra jew ittri ma kinux esebiti. Maria Dolores Barbara tgħid li din l-ittra bagħtuha biex ma jilħaqx jgħaddu tletin sena u biex jirranġaw bejn l-aħwa u l-attriċi tagħtihom sehemhom. Ma ridux ikeċċuha mill-proprjetajiet. Huma jridu sehem missierhom u ċioe' l-flus ta' tliet partijiet minn tmienja tal-proprjetajiet imħollija b'legat (ara xhieda ta' Raymond Borg a fol 98.) Alison Galea xehdet li f'din l-ittra l-konvenuti qalu li jekk ma tħallashomx sehemhom, se jbiegħu kollox b'subasta. Jidher li kien hemm ittra in risposta mingħand l-attriċi, imma din l-ittra mhix esebita lanqas u l-konvenuti qalu li ma rċevew l-ebda risposta wara l-ittra legali tagħhom.

Illi permezz ta'l-ewwel eċċezzjoni minnhom sollevata l-konvenuti jikkontendu li t-talba tal-attriċi (u ċioe' talba għal immissjoni fil-pussess ta' prelegat) hi preskritta bid-dekors tal-għaxar snin ai termini tal-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi l-artikolu 845(1) jipprovdi li:

> *L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk abintestato, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.*

Illi mir-risposta ġuramentata u sa ċertu punt anke fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, jidher li l-konvenuti iħarsu lejn dan il-perjodu t'għaxar snin kemm bħala wieħed ta' dekadenza, li permezz tiegħu l-attriċi tilfet id-dritt għal-legat tagħha għax ma talbitx l-imissjoni fil-pussess qabel, kif ukoll bħala wieħed akwiżittiv, għax il-konvenuti allegatament ippossedew animo domini tul dan il-perjodu kollu u għalhekk il-legat għadda għandhom.

## <u>KUNSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi huwa ormai stabbilit fil-ġurisprudenza li l-perjodu ta' għaxar snin imsemmi fl-artikolu 845 biex wieħed jitlob legat jew eredita' hu wieħed akwiżittiv u mhux ta' dekadenza.

Illi fis-sentenza mgħotija fil-kawża ***Grace Attard vs Dr Georgine Grech noe*** deċiża Qorti tal-Maġistrati Superjuri (Għawdex) fit-23 ta' Mejju 2008 il-Qorti għaddiet in rassenja l-ġurisprudenza prevalenti dwar din id-dispożizzjoni (l-artikolu 845) u l-fatt li l-perjodu ta' għaxar snin hemm kontemplat mhux wieħed ta' dekadenza. Intqal hekk:

> *5. Wieħed japprezza li d-distinzjoni bejn il-preskrizzjoni u d-dekadenza hi kunsidrata bhala materja sottili. Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd (akkwiżittiva fejn il-fattur predominanti hu l-pussess) u mezz ta' ħelsien minn azzjoni (estintiva fejn il-fattur predominanti hi l-inattivita' tal-kreditur). Fil-kawża* ***Gio Maria Cauchi vs Luigi Grima et*** *deċiża fil-21 ta' Gunju 1923 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili osservat:*
>
> *"Invero quanto al contenuto giuridico della prescrizione in diritto si ritiene che la prescrizione e' la conversione in uno stato giuridico di uno stato di fatto, sempre difforme dal diritto, spesso anzi lesivo di*

*esso, solo perche' si e' mantenuto tale per tutto il tempo stabilito dalla legge. Nella decadenza invece non si ha la conversione di uno stato di fatto difforme dal diritto in uno stato giuridico, da che essa non presuppone uno stato di fatto che sia in contravvenzione coll'ordinamento giuridico, ma solo presuppone che lo stato di fatto esistente potra' essere impugnato, potra' anche essere radicalmente sovvertito, se nel termine e nei modi stabiliti dalla legge viene esplicata l'attivita' che ha per iscopo di alterarlo, e quindi la decadenza lungi dal produrre la conversione di un tale stato di fatto che e' perfettamente giuridico, lo convalida e lo rende immune da ogni impugnativa".*

*Fil-fehma tal-Qorti applikat dan il-prinċipju, jidher li l-Artiklu 845 hu każ ta' preskrizzjoni. L-awtur Giorgi jispjega, "se guardiamo all scienza essa ci dira' che la prescrizione colpisce sempre direttamente l'azione, di modo che la morte del diritto per prescrizione addiviene in modo indiretto, la decadenza colpisce direttamente il diritto" (Teoria delle Obbligazioni, Vol. VIII par. 225 pag. 366 et seq).*

*F'dan il-kuntest l-kelma li tintuża fl-Artikolu 845 hi "L-azzjoni…… tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni" fit-test Ingliż "The action….. shall lapse on the expiration of ten years from the day of the opening of the succession". Inoltre, il-fatt li f'dan il-provvediment jingħad li l-azzjoni "tispiċċa" (fit-test Ingliz 'lapse') u wara m'hemmx il-kelma preskrizzjoni (fit-test Ingliz 'barred') ma jfissirx b'daqshekk li l-perjodu ta' għaxar (10) snin hu ta' dekadenza. Fid-disposizzjonijiet taħt l-istitut tal-preskrizzjoni l-kelma li tintuża hija "jaqgħu" (fit-test Ingliz 'lapse'). Dan apparti l-fatt li fin-nota marġinali jingħad "Preskrizzjoni ta' l-azzjoni għat-talba ta' wirt, ecc" u fih innifsu dan hu sinifikattiv ukoll.*

*Wieħed irid ukoll jiftakar li l-proprjeta' tal-legat tgħaddi għand il-legatarju mal-ftuħ tas-suċċessjoni (ara f'dan is-sens* **Rev. Patri Frangisku Azzopardi nomine vs Maria Hilda sive Hilda Cauchi** *hawn fuq citata ). Din hi l-interpretazzjoni li ngħatat lill-Artikolu 721(1) tal-Kodici Ċivili: "Kull legat pur u sempliċi jagħti lil-legatarju, minn dak in-nhar tal-mewt tat-testatur, jedd li jista' jgħaddi għall-werrieta ta' l-istess legatarju, jew għal dawk li l-jeddijiet tagħhom gejjin minnu, li jirċievi l-ħaġa mħollija lilu bil-legat" . L-immissjoni trid tintalab mingħand il-werrieta in kwantu l-Artikolu 836 tal-Kodici Ċivili (Kap. 16) jipprovdi "Il-pussess ta' hwejjeg il-mejjet igħaddi, bis-sahha tal-liġi, b'mod ta' kontinwazzjoni, fil-werriet, sew jekk testamentarju jew legittimu, bl-*

*obbligu li jhallas il-pizijiet kollha tal-wirt". F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ma tifhimx kif fil-każ ta' legat, l-Artikolu 845 jista' qatt jiġi nterpretat bhala perjodu ta' dekadenza. Il-mistoqsija tigi wahedha f'każ li wiehed jaqbel mat-tezi li dan hu perjodu ta' dekadenza:- x'jigri mill-proprjeta' tal-oġġett li jkun thalla b'legat gialadarba l-proprjeta' tgħaddi favur il-legatarju mal-ftuh tas-successsjoni? ....*

*Jekk kif qegħda tgħid l-attrici t-terminu ta' għaxar (10) snin li nsibu fl-Artikolu 845 hu wiehed ta' dekadenza u għalhekk terminu perentorju, wiehed ma jifhimx l-iskop ta' l-Artikolu 859 tal-Kodici Ċivili fil-każ ta' wirt battal.*

*Konsiderazzjoni oħra hi fis-sens li ".....l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, għalkemm rikonoxxuta bhala mehtiega biex tassigura illi l-azzjoni tigi ezercitata entro terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbliġi tal-kontenenti jigu debitament accertati, kienet minnha nnifisha odjuza u kellha allura tigi applikata restrittivament." (Qorti ta' l-Appell,* ***Noel Ellul nomine vs Avukat Dr. Joseph Zammit Mckeon nomine*** *deċiża fit-8 ta' Mejju 2001). Jekk dan it-tip ta' argument japplika għal preskrizzjoni iktar u iktar għandu japplika meta wiehed jiġi biex jikkunsidra każ simili għal dak odjern, cjoe' jekk terminu huwiex ta' preskrizzjoni jew dekadenza mehud ukoll in konsiderazzjoni tal-principji iktar iebsin li japplikaw f'każ ta' dekadenza. ...*

*F'dan is-sens hi l-interpretazzjoni li baqgħet tingħata mill-gurisprudenza matul is-snin. Hekk per ezempju fil-kawża* ***Elena Bonello vs Carmela Bruno Olivier et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ottubru 1937 ġie osservat: "Il-Qorti ta' l-Appell bis-sentenza tagħha tat-8 ta' Ottubru 1924 fil-kawża "****Mallia Tabone vs Mallia Tabone et"****, qalet li dak l-artikolu tal-liġi jistabilixxi preskrizzjoni sui generis u mhux dekadenza, li dik il-preskrizzjoni ija akkwizittiva.....". F'sentenza fl-ismijiet* ***Luigi Pace Balzan ed altri vs Giovanni Pace Balzan ed altri*** *deċiża mill-Prim'Awla fil-5 ta' Ottubru 1886 (Vol. XI.162) dwar dan il-provvediment jingħad li "Che la prescrizione allegata in questo caso ha per iscopo lo acquisto di proprieta' di beni immobili e delle quote in questione, mediante l'allegato possesso per un decennio" (ara wkoll* ***Giuseppe Ellul et vs Antonia Fenech et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Jannar 1951 ;* ***Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et*** *deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar 1954 ;* ***Saverio Ellul Bonnici vs Wisq Nobbli Markiz Paolo Apap Bologna et noe*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Mejju 1957 ;* ***Pietru Grixti vs Caterina Mallia et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru 1995;* ***Albert Camilleri vs John Camilleri et***

*deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 1995;* ***Rev. Patri Frangisku Azzopardi nomine vs Maria Hilda sive Hilda Cauchi*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Ottubru 2004). Fil-kawża* ***John Mallia nomine vs Elizabeth Mallia et*** *deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Jannar 1996, ġie kkonfermat li l-Artikolu 845 jispecifika terminu ta' preskrizzjoni u jista' jkun hemm "...sospensjoni jew interruzzjoni tal-istess perjodu kontemplata f'parti ohra tal-liġi ċivili tagħna". Fil-kawża* ***Concettina Chetcuti vs Anthony Zammit et*** *deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Marzu 1993 rega' ġie konfermat il-principju li f'każ ta' legat "....mhux bizzejjed illi l-legatarju jibqa' incert għaz-zmien rikjest mil-liġi biex jitlef id-dritt għal legat, izda hemm bzonn li l-uzurpatur ikun qiegħed jippossjedi l-haga abbandunata mill-proprjetarju, u li dan ikun qed jippossjediha animo domini.*

Illi minn din il-ġurisprudenza jirriżulta stabbilit il-prinċipju li l-perjodu ta' għaxar snin imsemmi f'l-artikolu 845 huwa wieħed ta' preskrizzjoni. Huwa ċar ukoll minn din il-ġurisprudenza li t-titolu tal-legatarju jgħaddi b'mod awtomatiku mal-ftuħ tas-suċċessjoni tad-decujus bis-saħħa tat-testment fih innifsu. Dan għaliex għandha ssir distinzjoni bejn l-propjeta tal-legat u l-pussess tiegħu, b'mod li għalkemm id-dritt għall-haġa legata jgħaddi għand il-legatarju mal-ftuħ tas-suċċessjoni huwa għandu jitlob il-pussess lill-eredi.

Illi dwar dan u l-ħtiġa li l-legatarju jitlob il-pussess tal-ħaga legata pronunżjat ruħha din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza ***Carmela Zerafa et vs Nazzareno Farrugia et***[23]:

*... ... ġie kkonfermat li l-legatarju għandu jitlob l-immissjoni fil-pussess tal-legat lill-eredi u meta l-legatarju huwa wieħed mill-istess werrieta, il-formalita' tat-talba għall-immissjoni fil-pussess hija dejjem meħtiega għall-porzjonijiet li l-legatarju għandu jieħu mingħand il-ko-eredi.*

*Illi mbagħad fis-sentenza "****Giuseppe Carabott et vs Vincenzo Carabott et****" (A.C – 18 ta' Gunju 1948) gie spjegat li:- "Veru huwa illi l-legatarju għandu jitlob pussess tal-legat lill-eredi, imma dik id-dispożizzjoni tirriferixxi għar-rapporti bejn l-eredi u legatarju fis-sens illi, għal ragunijiet wisq evidenti, anki ta' ordni pubbliku, ma jistax il-legatarju jimpossessa ruħu mill-oġġett legat mingħajr il-kunsens ta' l-eredi; anzi huwa dan li għandu jagħtih dak l-oggett fil-pussess tieghu."*

[23] Deċiża fil-27 ta' Marzu 2007.

*Illi hawn pero' dejjem qed nitkellmu dwar pussess ta' l-oggett imħolli bħala legat u mhux it-titolu ta' l-oggett imħolli bħala legat lill-legatarju tant li fil-kawża fl-ismijiet* ***"S. Briffa et vs C. Scicluna"*** *(P.A. – 26 ta' Ġunju 1959) ingħad li:- "Għandha ssir distinzjoni bejn il-pussess ta' legat u l-proprjeta' ta' l-istess legat; għax il-pussess igħaddi 'per modum continuationis' fl-eredi, u jkun l-identiku pussess li kellu d-decujus fil-gurnata tal-mewt tiegħu, u għalhekk il-legatarju hu obbligat jitlob il-pussess lill-eredi, mentri l-proprjeta', jew id-'dritt' għall-haga legata, ssir tal-legatarju mill-gurnata ta' l-apertura tas-suċċessjoni bis-saħħa unikament tad-dispożizzjoni testamentarja, mingħajr in-neċessita' ta' ebda att da parti tal-legatarju, u saħansitra ad insaputa tiegħu, u kwindi indipendentement mill-immissjoni tiegħu fil-pussess tal-legat".*

*Illi dan ġie kkonfermat fil-każ* ***"Antonio Grech et vs Carmelo Farrugia et"*** *(P. A. (JCC) - 18 ta' Ottubru 1960):- "Kwalunkwe legat pur u sempliċi jagħti lill-legatarju mill-ġurnata tal-mewt tat-testatur, dritt trasmissibbli lill-eredi tiegħu jew lill-aventi kawża minnu, li jikkonsegwixxi l-legat. Pero', l-legatarju għandu jitlob lill-eredi l-pussess tal-haga legata, b'mod illi l-legat ma jiġix trasferit 'ipso facto' lill-legatarju".*

*Illi dan ukoll ġie kkonfermat fis-sentenza* ***"Maurice Busuttil vs Joseph Meli et"*** *(A.C. – 5 ta' Ottubru 1998) fejn ingħad li:- "Issa waqt li hu minnu li l-liġi tagħti d-dritt lil-legatarju li jiġi mmess fil-pussess ta' l-oġġett imholli b'legat, dan il-jedd ma jistax jiġi nterpretat li jfisser illi l-proprjeta' ta' dak l-oġġett ma tkunx għaddiet fil-persuna tal-legatarju fil-mument tal-mewt jew sakemm issir l-immissjoni fil-pussess, l-oġġett legat jibqa' ta' proprjeta' tat-testaturi jew l-aventi kawża minnhom".*

*Illi dan ġie kkonfermat anke fis-sentenza* ***"L-Onorevoli Mhallef Dottor Alberto Magri et vs Mariella Borg Magri"*** *(P.A. (RCP) – 30 ta' Gunju 2005) fejn ingħad li huwa dritt ta' legatarju, anke wieħed li għandu l-pussess ta' l-immobbli li jitlob l-immissjoni fil-pussess u hawn ġiet citata s-sentenza fl-ismijiet* ***"Agnes Borg vs Zammit Charles et"*** *(P.A. (TM) – 20 ta' Mejju 2004). Dan ġie wkoll ikkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet* ***"Ir-Reverendu Patri F. Azzopardi O.F.M Cap nomine vs Maria Hilda sive Hilda Cauchi et"*** *(P.A. (TM) – 14 ta' Ottubru 2004 - Cit.Nru : 506/02/TM) fejn intqal li:-*

*"Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża '***Baldacchino noe vs Mifsud noe'**, *deċiża fid-29 ta' Ottubru, 1999, il-proprjeta' libera*

*tal-legat tappartjeni lill-legatarju sa mill-gurnata tal-mewt tat-testatur, tant illi l-istess legatarju huwa paragunat bħala 'kreditur' tal-wirt. Bħala 'kreditur', l-oġġett ma jkunx f'idejh qabel ma jingħata pussess tal-oġġett tal-kreditu, u kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża* ***'Borg vs Vella et'****, deċiża fit-3 ta' Marzu, 1995, l-immissjoni fil-pussess tal-legat hija 'c-cavetta' ta' l-istitut kollu.* ***L-immissjoni fil-pussess tista' tingħata jew espressament jew tacitament, u jingħad li hemm immissjoni fil-pussess tacita, meta l-legatarju jiehu pussess materjali ta' l-oġġett u l-eredi ma jagħmilx oppozizzjoni".***[24]

Illi fil-fatt l-ġurisprudenza stabbilit ukoll li meta l-legatarju jkollu pussess tal-propjeta lilu mħollija u jkun hemm il-kunsens taċitu tal-werrieta l-immissjoni fil-pussess mhux neċessarja.

*Hu magħruf ukoll li l-immissjoni fil-pussess m'hemmx għalfejn issir fejn ikun hemm l-assens tacitu tal-werrieta (ezempju ara sentenza fl-ismijiet* ***Cassar vs Hare nomine*** *deċiża fid-19 ta' Novembru 1923 – Vol. XXV.i.659).* [25]

Illi fil-każ odjern, mill-provi rriżulta li sa mill-mewt tal-omm, l-attriċi qatt ma talbet l-immissjoni fil-pussess qabel ma nfetħet din il-kawża. Pero' l-attriċi kellha pussess u kontroll sħiħ fuq it-tlett fondi li tħallew lilha b'legat. Fid-data tal-mewt ta' ommha l-attriċi diġa kienet tgħix fi Flat 2. Ftit wara l-mewt t'ommha u bi ftehim ma' ħuha Victor Borg, hi marret toqgħod fid-dar no 37 u okkupatha b'kontroll sħiħ fuqha. F'l-istess ftehiem u bil-kunsens tagħha ġie deċiż li ħuha Victor (Borg) imur joqgħod fi Flat 2, il-fond li tiegħu kellu l-użufrutt. Għal xi żmien Flat 1 baqa' vojt pero' mbagħad, l-attriċi tatu lit-tifla tagħha biex toqgħod fih; f'dak il-perjodu l-attriċi saħansitra niffdet il-Flat 1 mad-dar no 37. Għalhekk jirriżulta li fil-każ in eżami l-attriċi kellha l-pussess materjali tal-propjeta lilha mħollija b'legat u l-konvenuti m'għamlux oppożizzjoni, almenu sal-mument li baghtu ittra uffiċjali biex l-attriċi tħallashom għal dak li huma jippretendu li huwa sehemhom mill-propjeta. Rinfaċċata b'din l-opppożizzjoni l-attriċi proċediet bil-kawża odjerna.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti ser terġa tagħmel referenza għas-sentenza mgħotija fil-kawża ***Grace Attard vs Dr Georgine Grech***. F'dak il-każ jidher li l-legatarji ma kellhomx il-kunsens taċitu ta'l-eredi fil-pussess għalhekk talbu li ssir l-immissjoni b'mod formali permezz ta' kuntratt; dan għamluh wara d-dekors ta'ghaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni. Il-Qorti deherilha li xorta kellhom il-jedd li jagħmlu it-talba:

---

[24] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[25] ibid.

*Il-Qorti tistqarr li fir-rigward ta' Carmen u Ester Sciberras ma jistax jingħad li saret prova sodisfacenti li mid-data tal-mewt tal-ġenituri tagħhom kellhom il-pussess bl-assens tacitu ta' l-eredi l-oħra. Tant hu hekk li huma stess hassew il-ħtieġa li jagħmlu kuntratt formali (li ffirmah ukoll Michael Sultana) ta' immissjoni fil-pussess. Ovvjament* ***dan ma jfissirx li l-konvenuti Carmen Portelli u Ester Sciberras gew b'xi mod ippregudikati fil-legati li thallew lilhom*** *permezz tat-testment tal-5 ta' Diċembru 1975 fl-atti tan-nutar Dr. Giuseppe Cauchi (fol. 6-9)* ***in kwantu għandhom il-proprjeta' tal-legati rispettivi mid-data tal-ftuh tas-successjoni u għandhom il-jedd li jesigu l-immissjoni fil-pussess b'mod formali mingħand dawk il-werrieta l-oħra li sal-lum għadhom m'għaddewx il-pussess b'mod formali.***[26]

Ikkunsidrat

Illi fil-każ tal-artikolu 845 u ta' kull preskrizzjoni akwiżittiva oħra, min jallega l-preskrizzjoni tal-azzjoni tal-attur jrid jipprova li huwa jipposjedi l-proprjeta' animo domini.

Illi dan il-prinċipju ilu stabbilit u huwa konstantement ribadiet fil-ġurisprudenza. F'dan is-sens pronunżjat ruħha l-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza mgħotija fid-29 ta' Jannar 1954 fil-kawża ***Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et.*** Dik il-Qorti wara li affermat li l-preskrizzjoni deċenalli li tolqot il-petitio hereditatis hija preskrizzjoni akwiżittiva komplliet billi qalet li:

*Għaldaqstant, barra mill-element passiv taż-żmien, hemm bżonn li jiġi ppruvat ukoll l-element attiv tal-pussess. U dan il-pussess irid ikun mhux sempliċement każwali, iżda jrid ikun pussess formali, jiġifieri kapaċi li jiġġenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta`, konsegwentement dak il-pussess għandu jkun reali, u mhux biżżejjed il-pussess "di diritto"…….*

*… … irid ikun għalhekk, kontinwu, mhux interrott, paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, għaż-żmien kollu li tgħid il-liġi, kif ukoll "animo domini". Dan il-pussess għandu jiġi ppruvat b'mod infranġibbli, tant għar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess, u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni.*

[26] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

Illi f'l-istess sens esprimiet ruħha din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza mgħotija fit-23 ta' Gunju, 2005 fil-kawża ***Ignazia Degabriele vs Joseph Attard***

> *Illi, … … b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni maħsuba f'dak l-artikolu, ingħad li persuna li ma żżommx għandha ħwejjeġ jew assi minn wirt bħala tagħha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni tal-għaxar snin tal-petitio hereditatis li dwarha jitkellem l-artikolu taħt eżami;*
>
> … … …
>
> *Illi huwa stabilit li biex tirnexxi l-eċċezzjoni taħt l-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili (bħalma huwa meħtieġ f'kull każ ta' eċċezzjoni ta' preskrizzjoni akkwiżittiva taħt l-artikolu 2140 tal-istess Kodiċi) irid jintwera li min ikun ġie mfittex biex irodd il-ħaġa mħollija b'wirt (x'aktarx, iżda mhux bilfors, taħt titolu partikolari) lill-parti attriċi, irid ikun żamm pussess sħiħ ta' l-ħaġa mitluba daqslikieku kienet tiegħu (animo domini) għaż-żmien kollu preskrittiv. Jeħtieġ jintwera wkoll li, għal tul dak iż-żmien kollu, min ikun żamm f'idejh dawk il-ħwejjeġ tal-wirt ikun għamel hekk b'bona fidi.* [27]

Illi mill-atti proċesswali fil-każ odjern jirrizulta li l-konvenuti la kellhom l-pussess de facto tal-propjetajiet imħollija lill-attriċi b'legat, la kienu jeżercitaw xi tip ta' kontroll fuq dawn il-propjetajiet u lanqas kellhom aċċess liberu għalihom. F'dawn iċ-ċirkostanzi ma jistax jingħad li huma għandhom dak il-pussess animo domini rikjest biex ikun jistghu jippreskrivu favorihom innfishom.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuti jikkontendu ukoll li huma kopropjetarji tal-propjeta li dwarha l-attriċi qed titlob l-immissjoni fil-pussess. Anke jekk il-konvenuti kellhom jitqiesu bħala koproprjetarji tat-tliet fondi in kwistjoni[28] xorta ma jistgħux jippreskrivu favurihom bil-preskrizzjoni akwiżittiva t'għaxar snin ġaladarba f'din l-ipoteżi l-konvenuti ma jistgħux jitqiesu sidien assoluti.

Illi l-prinċipju li pussess da parti ta' kopropjetarju ma jistax jitqies pussess animo domino ta' l-intier tal-propjeta huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza. Fil-fatt ntqal li:

[27] Ara f'dan is-sens ***Antonio Borg vs Giuseppe Zammit*** deċiża fit-28 ta' Marzu 1955 mill-Qorti tal-Appell.
[28] Fatt li jrid jiġi stabbilit fi stadju ieħor ta' dawn il-proċeduri.

> *Il-pussess (biex takkwista bil-preskrizzjoni akwiżittiva t'għaxar snin) irid ikun tal-oġġett li dwaru hemm il-kwistjoni u mhux ta' xi hwejjeg ohra tal-istess eredita'. Il-pussess irid ikun esklussiv u mhux tippossedi bħala koproprjetarju (għax inkella ma tiġix tippossedi animo domini): "**La prescrizione dell'azione di petizione d'eredita', che e' d'indole acquisitiva, e' fondata sulla esclusivita' del possesso, per cui un possesso commune ereditario e' di ostacolo al corso di qualunque prescrizione di tale azione**[29]." (**Carmelo Bilocca vs Giuseppe Muscat ed altri** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' April 1915 – Vol..XXII.i.263) fejn saret ukoll riferenza għas-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell, **Pace Balzan utrinque** deċiża fis-16 ta' Frar 1887 (Vol. XI.247) u Prim'Awla, **Micallef utrinque** deċiża fit-18 ta' Marzu 1887 (Vol. XIII.201).*[30]

Illi tenut kont tas-suespost ma jistax jingħad li l-konvenuti pruvaw l-eċċezzjoni in eżami li għalhekk għandha tigi miċhuda.

Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti bl-ispejjeż kontrihom** u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[29] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[30] ***Attard vs Grech*** ibid.